# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2017**

**Talba Nru: 39/2016 PM1**

**Joseph Grima (ID Nru. 622456(M)) u
martu Catherine Grima (ID Nru. 230663(M))**

**Vs**

**RCV Handling Machinery Limited (C44801)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Frar, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu l-atturi ikkontendew li s-socjeta' intimata ghandha tigi kkundannata thallashom is-somma ta' elfejn, mija u tnejn u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€2132.33) rapprezentanti kumpens ghall-appogg prattikat mis-socjeta' konvenuta mal-fond 'Pet Studio', Mdina Road, Zebbug proprjeta' tal-

istess atturi bl-ispejjez inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru, 2015 oltre l-imghax legali b'effett mill-4 ta' Dicembru, 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata datata 2 ta' Marzu, 2016 li permezz taghha eccepiet li, ghalkemm ezercitat appogg, il-kumpens li hu dovut lir-rikorrenti m'ghandux ikun fl-ammont pretiz mill-istess rikorrenti izda ammont inqas u ghalhekk l-istess rikorrenti ghandhom iressqu provi li jiggustifikaw l-ammont minnhom reklamat bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra illi l-istess socjeta' intimata prevaliet ruhha mill-istess risposta biex tressaq kontro-talba liema kontro-talba tressqet kontestwalment mal-istess risposta u permezz ta' liema l-istess socjeta' intimata talbet indennizz minghand ir-rikorrenti rikonvenzjonati, ammontanti ghal tlett elef, mija u erbgha u tletin euro (€3,134) *inter alia*, ghax meta l-istess socjeta' intimata giet biex ittella' parti mill-hajt in kwistjoni fuq art li hija fl-intier proprjeta' taghha hija kienet kostretta l-ewwel bil-fors tidhol fi spejjez biex tnehhi bricks, bazi tal-konkoss u vireg tal-hadid li kienu ghamlu bhala sodda l-istess rikorrenti sabiex fuqha jtellghu il-hajt dwar liema qed jintalab minnhom il-hlas ghall-appogg u li tali bricks, konkos u hadid kienu tpoggew mir-rikorrenti in parti fuq l-art tas-socjeta' intimata. L-istess socjeta' intimata talbet illi bis-sahha tal-art. 1196 et. seq. tal-Kodici Civili ssehh tpacija mad-dritt ta' kumpens reklamat mis-socjeta' intimata u dak l-ammont pretiz mir-rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-istess rikorrenti.

Ra illi r-rikorrenti wiegbu ghal tali kontro-talba billi eccepew, preliminarjament illi tali kontro-talba hija preskritta bid-dekors ta' sejntejn ai termini tal-art. 2153 tal-Kodici Civili u li, fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba rikonvenzjonali hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' intimata m'hija intitolata ghal ebda kumpens, salvi eccezzjonijiet ulterjuri li ma tressqux.

Ra li fis-seduta tal-5 t' April, 2016 xehedu il-Perit Louis Borg u r-rikorrenti Joseph Grima.

Ra li fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2016 xehed in kontro-ezami l-istess rikorrenti Joseph Grima u xehed Renald Curmi prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra li fis-seduta tas-27 t'Ottubru, 2016 xehedu il-Perit Anthony Muscat u gie terminat il-kontro-ezami lil Renald Curmi.

Ra li fl-istess seduta datata 27 t'Ottubru, 2016 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2016 l-abbli difensuri tal-partijiet trattaw it-talba u l-kontro-talba.

Ra illi permezz tal-istess verbal datat 5 ta' Dicembru, 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza finali.

Ra d-dokumenti, inkluzi ricevuti, ritratti u rapporti peritali ezebiti mill-partijiet rispettivi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi fir-rigward tat-talba imressqa mir-rikorrenti ghall-hlas ta' appogg dovut lilhom mis-socjeta' intimata xehed il-Perit Louis Borg li kkonferma bil-gurament tieghu l-ammont dovut u li jirrizulta mill-kejl imhejji minnu stess u ezebit a fol. 19 tal-istess process bhala Dok. JB1. Skont l-istess Perit Louis Borg tali kejl gie ikkalkulat a bazi tar-"*rati kurrenti*" dan minkejja li, kif ikkonferma huwa stess, ghalkemm il-kejl kien ippreparah madwar sena qabel ma xehed, il-binja kienet tlestiet ferm qabel.

Illi fir-rigward ta' tal-ezercizzju ta' tali appogg is-socjeta' intimata ma ressqet ebda oggezzjoni tant li, anke permezz tar-risposta taghha, ammettiet li hija wettqet l-appogg. Madanakollu l-ammont gie kontestat peress illi skont l-istess rapprezentanti tas-socjeta' intimat Renald Curmi ghalkemm "*m'ahniex qed*

*noggezzjonaw li nhallsu l-appogg*" (ara xhieda datata 3 ta' Mejju, 2016) is-somma dovuta kellha tkun izghar minn dik mitluba.

Illi fir-rigward tal-istess ammont xehed ukoll il-Perit Anthony Muscat li, fuq inkarigu tal-istess socjeta' intimata ivverifika l-kejl u l-konsegwenti kont mahrug mill-Perit Borg. Huwa ikkonferma li "*jiena ivverifikajt dan il-kont u d-differenza li rrizultatli kienet wahda zghira hafna li nghid li mill-kalkoli tieghi l-ammont dovut lis-Sur Joseph Grima huwa ta' elfejn, hamsa u disghin euro (€2095).*" (ara xhieda datata 5 ta' Dicembru, 2016). Kopja tal-kejl imwettaq mill-istess Perit Borg gie wkoll ezebit u mmarkat Dok AM1 a fol. 44 tal-process. Dan il-kejl huwa datat 3 ta' Mejju, 2016.

Illi tenut kont tas-surreferit, minkejja li d-diskrepanza bejn l-ammont mitlub mill-atturi u dak mhux kontestat mis-socjeta' intimata huwa wiehed 'de minimis', it-Tribunal ihoss li l-ammont effettivament dovut lir-rikorrenti huwa dak mhux kontestat mis-socjeta' intimata. Dan qed jinghad kemm ghaliex il-kejl u r-rapport tal-Perit Anthony Muscat ma giex validament kontestat mill-atturi imma wkoll ghaliex, kif xehed l-istess Perit Borg, ir-rati uzati minnu kienu dawk kurrenti ta' meta hareg il-kont. Wiehed ghandu jifhem illi r-rati utilizzati kellhom ikunu dawk ta' meta effettivament gie ezercitat l-appogg u cioe' ir-rati applikabbli ferm qabel il-hrug tal-kejl mill-istess Perit Borg. Ghaldaqstant l-ammont mitlub mill-atturi ghandu jigi kkunsidrat ezagerat ovvjament entro l-limitu tal-ammont mhux kontestat mill-istess socjeta' intimata.

Illi ghalkemm l-istess rikorrenti talbu wkoll spejjez gudizzjarji relattivi ghall-ittra ufficjali interpellatorja u imghaxijiet fuq is-somma mitlub it-Tribunal jinnota li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward ta' tali ittra ufficjali u kwindi it-talba ghall-hlas tal-ispejjes gudizzjarji relattivi ghal tali ittra ma tistax tigi akkolta. Tenut kont id-differenza zghira ferm bejn l-ammont mitlub u dak mhux kontestat mis-socjeta' intimata u tenut kont ukoll tal-fatt li ma jidher li saret ebda offerta ghall-hlas ta'

tali ammont qabel ir-risposta prezentata in atti ghat-talba odjerna, oltre l-fatt li l-kejl mahrug mill-Perit Muscat huwa datat ferm wara l-prezentata tal-kawza, l-ispejjez relattivi ghall-istess talba ghandhom jigu sopportati interament mill-istess socjeta' intimata filwaqt li l-imghaxijiet fuq l-istess jibdew jghoddu mid-data tas-sentenza.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba imressqa mill-istess socjeta' intimata jehtieg illi fl-ewwel lok tigi deciza l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-art. 2153 tal-Kodici Civili imressqa mir-rikorrenti.

Illi a tenur tal-istess artikolu jinghad li:

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

Illi huwa car li l-ammont mitlub mis-socjeta' intimata jirrapprezenta proprju kumpens ghad-danni sofferti mill-istess socjeta' intimata ghar-rimozzjoni ta' bricks, bazi ta' konkos u vireg tal-hadid imqieghda mir-rikorrenti almenu in parti fuq l-art tas-socjeta' intimata.

Illi f'tali rigward il-Perit Anthony Muscat prodott mill-istess socjeta' konvenuta xehed li:

"(P)*eress li l-klijenti tieghi kellhom ihaffru biex jaghmlu l-basement meta jiena haffirt sibt li dak li jiena nsejhilha bhala concrete foundation slip kienet effettivament inbniet in parti fuq il-proprjeta' tal-klijenti tieghi.* (…) *Qed issirli referenza ghad-dokument a fol. 30 tal-process u nghid li dawn jirreferu ghall-ispejjez li ghamlu l-klijenti tieghi biex inehhu dan il-concrete foundation slip li semmejt* (…)" (ara xhieda datata 27 t'Ottubru, 2016)

Illi, ghalkemm il-kejl referibbli ghal tali spejjez mahrug mill-Perit Muscat jinsab datat Awwissu, 2014, in kontro-ezami l-istess Perit Muscat gie muri 'Google earth

images' datati rispettivament 15 t'April, 2013 (fol. 45 tal-process) u 11 ta' Lulju, 2013 (fol. 46 tal-process) u dwar l-istess xehed ukoll illi:

"*Qed issirli referenza ghad-dati ndikati bhala imagery date fuq Dok. JG1 u Dok. JG2 rispettivament hmistax (15) t'April, elfejn u tlettax u hdax (11) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013) u nghid li naqbel ma' dawn id-dati bejn wiehed u iehor. Nghid illi f'tali dati kien effettivament jidher fis-sit dak li jidher fiz-zewg ritratti rispettivi. Naqbel li kif qed jigi suggerit lili li f'dokument JG2 ix-xoghol ta' skavar kien effettivament tlesta. Ix-xoghol rimedjali li jiena rreferejt ghalih fid-dokument precedent ezebit minni nghid li dak sar qabel ma bdejna nibnu u allura kien sar ukoll fid-data indikata fuq document JG2.*" (ara kontro-ezami datat ukoll 27 t'Ottubru, 2016).

Illi in materja ta' preskrizzjoni l-art. 2137 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li:

"*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*"

Illi huwa car li fil-kaz in ezami l-azzjoni intentata mis-socjeta' intimata permezz tal-kontro-talba odjerna setghet tigi imressqa fil-konfront tar-rikorrenti minnufih wara li giet sofferta l-hsara lamentata konsistenti mill-bini ta' dik li l-istess Perit Muscat sejjah il-'concrete foundation slip' almenu in parte fuq il-proprjeta tal-istess socjeta' intimata.

Illi l-kontro-talba odjerna tressqet biss fit-tnejn (2) ta' Marzu, elfejn u sittax (2016) meta, kif ikkonferma l-istess Perit Muscat in kontro-ezami fil-hdax (11) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013) mhux talli kienet tqeghdet il-'concrete foundation slip' imma tali l-istess kienet giet rimossa mill-istess socjeta' intimata u l-bini kien sar sal-livelli li jidhru fl-istess ritratti ezebiti a fol. 45 et. seq tal-process.

Illi ghaldaqstant huwa car li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-art. 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) timmerita li tigi akkolta bl-ispejjez tal-kontro-talba jigu sofferti wkoll mis-socjeta' intimata.

Illi tenut kont tas-surreferit it-Tribunal ser jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni imressqa mir-rikorrenti fil-mertu ghall-kontro-talba tal-istess socjeta' intimata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi it-Tribunal, filwaqt li jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn u hamsa u disghin ewro (€2095) bl-imghaxijiet fuq is-somma surreferita mid-data tas-sentenza u jichad l-istess ghall-bqija; jilqa' wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-art. 2153 tal-Kodici Civili imressqa mir-rikorrenti, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni imressqa fil-mertu mir-rikorrenti ghall-kontro-talba tas-socjeta' intimata, konsegwentement jichad il-kontro-talba imressqa mis-socjeta' intimata bl-ispejjez tal-kawza jigu sofferti mill-istess socjeta' intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**